7 ta' Marzu, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Pawlu Grech

**Prostituzzjoni — Provi — Xhieda — Kredibilità — Liċenza — Sospensjoni — Art. 633 u 29 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Huwa veru, dottrinalment, illi prostituta, minħabba d-deformazzjoni psiko-etika tal-karattru tagħha, hija propensa għad-deformazzjoni tal-verità; imma b'daqshekk ma jiġix illi d-depożizzjoni ta' dawn in-nisa għandha tiġi skartata "sic et simpliciter", imma jfisser biss illi depożizzjoni simili għandha tiġi valutata skond il-kumpless tal-kriterji soliti tal-bonsens.*

*Meta persuna tiġi kundannata għal piena restrittiva tal-libertà personali u anki għas-sospensjoni ta' liċenza, mhix aċċettabbli l-allegazzjoni illi s-sospensjoni tal-liċenza għandha tiddekorri fil-kors stess li tkun qiegħda tiġi skontata l-piena korporali. B'liġi, il-piena l-aktar gravi għandha tiġi skontata qabel; u mbagħad l-espiazzjoni ta' dik anqas gravi ssir wara.*

B'sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar 1953, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imputat ħati talli għex għal kollox jew f'parti minnu fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien sena u ħames xhur, u ssospenditlu l-liċenza speċjali tat-taxi għal żmien sitt xhur, li għandhom jibdew jgħaddu wara li jkun skonta l-piena restrittiva ;

Trattat l-appell ta' l-imputat minn din is-sentenza, din il-Qorti, wara li eżaminat id-depożizzjonijiet, u wara li semgħet l-argumenti, ikkunsidrat;

Kif osserva l-Maġistrat, il-punt fil-kawża huwa kwistjoni ta' kredibilità, peress li l-imputat ta' versjoni differenti minn dik tax-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ;

Id-difensur f'din l-istanza ssottometta li dawn ix-xhieda ma humiex denji ta' kredenza, peress li huwa prostituti konfessi ;

Issa, hu veru, dottrinalment, illi diversi skritturi li għamlu studji interessanti dwar il-pont, bħal Mario Pagano fl-opra "Princip. del Codice Penale", bħal Lombroso e Ferrero fl-opra tagħhom "La donna delinquente, la prostituta, e la donna normale", il-Magnameni "Contributo alla pseudologia fantastica", Archiv. Med. Leg. Vol. XXIII, p.590, il-Dattino "La Psicologia dei Testimoni", u l-iskrittur franċiż Carlier fl-opra "Les deux prostitutions", osservaw li l-prostituta, minħabba d-deformazzjoni psiko-etika tal-karattru tagħha, hi propensa għad-deformazzjoni tal-verità; imma b'daqshekk ma jiġix li dawn id-depożizzjonijiet għandhom jiġu skartati "sic et simpliciter", imma jiġi biss li għandhom ikunu valutati skond il-kumpless tal-kriterji soliti tal-bonsens, ammirevolment kompendjati fl-art. 633 Kap. Ediz. Riv., fosthom il-karattru tax-xhud;

Issa, f'dan il-każ, wieħed għandu jżomm in vista dawn it-tliet konsiderazzjonijiet :-

1. F'delitti simili wieħed ma tantx jista jimputa lill-Pulizija xi nuqqas filli ma tkunx ġiebet bħala xhud xi persuna ta' rigward, għaliex f'delitt min din ix-xorta ma hux solitu li jkunu mdaħħlin persuni ta' rigward, imma persuni tax-xorta ta' dawk li xehdu. Kieku jkun hemm xi xhud ieħor ta' karattru aħjar, u ma nġiebx, allura forsi jkun il-każ li d-difiża tilmenta;

2. Il-konsistenza ta' xhieda ma' oħra, u l-konsistenza tad-diversi xhiedijiet mal-kwadru li jirriżulta mill-kumpless tagħhom, għandhom ċertament jikkostitwixxu fattur potenti ta' kredibilità; għaliex ma tantx hu faċili li diversi xhieda, sija pure "donne di strada", jixhdu b'mod li jarmonizzaw fil-konsistenza tal-kumpless tagħhom;

3. F'dan il-każ, mbgħad, il-versjoni li ta l-imputat hija tali li, rettament valjata, u spoljata mill-kortecca ta' inverosimiljanza li biha l-imputat ried jgħatti l-verità, tikkonduċi lill-ġudikant preċiżament għall-assunt tal-Prosekuzzjoni, u tikkonferma appuntu d-depożizzjoni ta' dawk li d-difiża trid li ma jitwemmnux;

Għalhekk l-Imħallef sedenti jaqbel mal-Maġistrat li l-versjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni hija preferibili;

Kwantu għall-osservazzjoni tad-difensur fil-kors tad-dibattitu, fis-sens li l-piena tas-sospensjoni tal-liċenza għandha tiddekorri fil-kors stess ta' l-espjazzjoni tal-piena korporali, apparti li b'daqshekk din kienet issir nulla u għalhekk irriżorja, hemm ukoll li b'liġi (art. 29 Kap. 12) il-piena aktar gravi għandha tiġi skuntata qabel, u mbagħad l-espjazzjoni ta' dik anqas gravi ssir wara;

Id-difiża talbet ukoll il-benefiċċju "laevioris poenae";

Ma hemm, però, ebda fattur li jista' jinvolja lil din il-Qorti li tbiddel id-diskrezzjoni tal-Maġistrat; u ċertament ma hux fattur il-kondotta preċedenti tal-imputat;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.